**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 12 ta' Awwissu 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**
**vs**
**Chaharou Ibrahim**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Chaharou Ibrahim ta' 38 years, iben Ibrahim Gado u Zena Bu, Imwieled gewwa Niger fl-1 ta' Jannar, 1982 u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 0049224A u Indirizz mhux maghruf.

Akkuzat talli

**1)** talli nhar il-21 ta' Ottubru 2013, ġewwa l-Gzira u ġewwa dawn il-gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera xi ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamel qliegħ għal-valur li jaqbez il-hames t'elef euro (€5000) għad dannu ta' Rosario Carabott ID.678946M u persuni oħra;

**2)** U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi bi ħsara ta' ħaddieħor għamel qligħ ieħor b'qerq għal-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) għad ta' Rosario Carabott ID.678946M u persuni oħra;

**3)** F'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Ottubru 2013, naqas milli jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien igorr mieghu l-ammont ta' Euro

10,750 jew izjed fil-flus kontanti filwaqt li huwa kien hiereg minn Malta – bi ksur ta’ l-Artikolu 3 tal-Avviz Legali 49 tal-2007 (Regolamenti Dwar il-Kontroll ta’ Flus) formanti parti mill-Att Dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali netta ta’l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li kienu jipprovdi d-dispozizzjonijiet tal-Ligi relevanti ghar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat fid-data li dawn gew kommessi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolament 3 ta’ l-Avviz Legali 49 tas-sena 2007, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **tlettax il-xahar prigunerija** ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet u **multa ta’ elfejn sitt mija sebgha u tmenin Euro u hamsin centezmu (€2,687.50).** In oltre qed tordna **l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tas-somma ta’ sebgha mija u hamsin Euro (€750)** liema somma tirraprezenta l-ammont ta’ flus mhux dikjarai li jeccedi l-ghacxarat elef Euro.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**